MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
**(Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2022

Rikors Kostituzzjonali Numru 50/2021 LM

**Antonio Mario Vella (K.I. nru. 579855(M)), Carmen Vella (K.I. nru. 356360(M)) u binthom Vanessa Vella (K.I. nru. 51286(M))**

***vs.***

**L-Avukat tal-Istat u għal kull interess li jista' jkollu r-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali u b'digriet tat-28 ta' Mejju, 2021, ġie msejjaħ fil-kawża HSBC Bank Malta p.l.c.**

**Il-Qorti,**

1. Rat ir-Rikors imressaq fit-2 ta' Frar, 2021, mir-rikorrenti **Antonio Mario Vella (K.I. nru. 579855(M)), Carmen Vella (K.I. nru. 356360(M))** u **binthom Vanessa Vella (K.I. nru. 51286(M))** [minn issa 'l quddiem 'ir-rikorrenti'] fejn issottomettew dan li ġej:

*"Jesponu bir-rispett:*

*Illi fis-27 ta' Jannar 2021, l-Onorevoli Qorti Kostituzzjonali tat sentenza fir-Rikors Numru 61/2017/1 (JVC) fil-konfront tal-esponenti, fejn ċaħdet t-talbiet tal-istess esponenti kif kontenuti fir-rikors msemmi (kopja tas-sentenza qed tiġi hawn annessa u immarkata bħala DOK AMV01);*

*Illi ġara li l-Onorevoli Qorti Kostituzzjonali kienet komposta min, fost l-Onorevoli Mħallfin l-oħra, l-Onorevoli Mħallef, Anthony Ellul;*

*Illi l-istess Onorevoli Mħallef Anthony Ellul diġà ppronunzja ruħhu fuq materja relatata mal-kawżali fir-rigward tar-rikors msemmi, li kif diġà ntqal, l-istess Onorevoli Qorti Kostituzzjonali tat sentenza fis-27 ta' Jannar 2021, senjatament dik fir-rigward ta' Rikors Numru 529/2011 fl-ismijiet, Anthony Mario Vella et vs HSBC Bank plc et, (kopja tas-sentenza qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala DOK AMV02) kif ukoll fir-rigward tar-rikors ntavolat fl-Atti tal-Mandat taż-Żgumbrament 1353/2017 (kopja tad-Digriet qed tiġi hawn annessa u immarkata bħala DOK AMV03);*

*Illi rriżulta li ma seħħet ebda rikuża tal-istess Onorevoli Mħallef, Anthony Ellul, fir-rigward tal-prolazzjoni tas-sentenza msemmija fuq abbażi tal-fatti kif espost fil-paragrafu preċedenti;*

*Illi dan jfisser li d-dritt għall-smigħ xieraq kif sanċit mill-Artiklu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' Artiklu 6 tal-Konvenzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem effettivament ġie leż fil-konfront tal-esponenti, u dan in vista tal-fatt li wieħed mill-Onorevoli Mħallfin li għamel parti mill-Qorti Kostituzzjonali, kif komposta, kien diġà ppronunzja ruħu fir-rigward ta' materja rilevanti mal-kawżali tal-istess kawża, kif ser jirriżulta ċar waqt t-trattazzjoni ta' dan r-rikors;*

*Għaldaqstant l-esponenti umilment nitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikjara li, in vista tal-fatti fuq espost, l-Qorti Kostituzzjonali, kif komposta, ma tistax tinkwadra fl-ambitu ta' tribunali indipendenti u imparzjali skont l-Artiklu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem;*
2. *Tiddikjara li in vista ta' dan ġie leż fil-konfront tal-esponenti d-dritt tagħhom għal smigħ xieraq quddiem tribunal indipendenti u imparzjali kif sanċit mill-Artiklu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem;*
3. *Tordna li jittieħdu l-azzjonijiet idoneji kollha li hemm bżonn sabiex l-istess kawża tinstema' quddiem Qorti Kostituzzjonali diversament komposta sabiex terġa' tinstema' fil-parametri ddettati mill-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem."*

2. Rat ir-Risposta tal-intimat **Avukat tal-Istat** [minn issa 'l quddiem 'l-intimat Avukat tal-Istat"], li ġiet ippreżentata fil-24 ta' Frar, 2021, fejn ingħad kif ġej:

*"Jesponi bir-rispett:*

*Illi r-rikorrenti qegħdin jallegaw nuqqas ta' smigħ xieraq fil-kawża numru 61/2017/1 u dan peress li l-Imħallef Anthony Ellul ma rrikużax ruħhu milli jisma' u jiddeċiedi l-appell. Ir-rikorrenti qed jikkontendu li l-Imħallef Ellul kellu jirrikuża ruħhu għaliex kien involut fi proċeduri oħra ċioé il-mandat ta' żgumbrament numru 1353/2017 u l-kawża numru 529/2011.*

*Illi qabel mal-esponent jgħaddi sabiex iqajjem l-eċċezzjonijiet tiegħu tajjeb li jiġu elenkati il-fatti l-iktar rilevanti ta' din is-saga ma tispiċċa qatt sabiex din l-Onorabbli Qorti tifhem sew minn fejn ġejja il-kawża odjerna u li l-kwistjoni f'din il-kawża hija* ***semplicement frivola u vessatorja.***

*Illi permezz ta' bejgħ bl-irkant numru 32/2003 fid-**19 t'April 2005** il-bank HSBC Bank Malta plc xtara żewġ fondi li huma garaxx bla numru magħruf bħala Jonathan, Triq Tumas Fenech Qormi u dar bl-isem Walnut Grove, Triq Tumas Fenech, Qormi. Fit-**13 ta' Jannar 2010**, l-HSBC Bank Malta plc fetħet kawża fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kontra Anthony, Carmen u Vanessa Vella, bin-numru ta' riferenza 28/10JA, sabiex tkeċċi/tiżgombra lill-familja Vella mill-fondi in kwistjoni, minħabba li dawn kienu qegħdin iżommuhom mingħajr titlu tajjeb fil-liġi.*

*Ġara li l-familja Vella **f'Ġunju 2011** fetħet kawża ukoll numru 529/2011 li biha talbet lill-Qorti li l-proċeduri ta' bejgħ bl-irkant jiġu dikjarati nulli. B'sentenza datata 29 t'April 2016 il-Qorti tal-Appell ċaħdet l-appell tagħhom u kkonfermat li l-bejgħ bl-irkant ma kienx null.*

*B'sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta'Ottubru 2012, il-membri kollha tal-familja Vella ġew ordnati li jitilqu minn dawn il-postijiet f'Ħal Qormi għaliex instab li dawn tabilħaqq ma kellhomx jedd fil-liġi li joqgħodu fihom. Din is-sentenza ġiet appellata mill-familja Vella, b'wieħed mill-aggravju jkun li s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kellha titħassar għaliex din ingħatat wara li ġew magħluqa l-provi fl-assenza tagħhom. Dan l-appell tagħhom iżda ġie miċħud b'sentenza mogħtija fit-**18 ta' Lulju 2017** mill-Qorti tal-Appell. F'din is-sentenza l-Qorti tal-Appell saħqet li kienu Vella li ma mxewx tajjeb f'dak il-każ għaliex huma naqsu milli jaħtfu l-opportunitajiet li kellhom biex itellgħu l-provi tagħhom. Għalhekk billi l-Qorti tal-Appell sabet li l-appellanti Vella kienu jaħtu għal dak li ġralhom, hija ċaħdet l-appell tagħhom u b'hekk għaddiet biex ikkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti li ordnat it-tkeċċija tagħhom. Ftit żmien wara bis-saħħa*

*tas-sentenza mogħtija fl-appell, il-bank HSBC Malta plc ipproċediet b'mandat ta' żgumbrament numru 1353/2017 liema mandat intlaqa'. Sussegwentement il-familja Vella ressqu kawża kostituzzjonali numru 61/2017 fejn fiha allegaw li fil-proċeduri numru 28/10JA ma kellhomx smigħ xieraq. Il-Qorti Kostituzzjonali ippronunzjat ruħha definittivament b'sentenza datata **27 ta' Jannar 2021** fejn ċaħdet it-talbiet kollha tar-rikorrenti Vella u ddikjarat li l-jedd għal smigħ xieraq ma ġiex miksur.*

*Illi bil-kawża kostituzzjonali odjerna huwa evidenti li r-rikorrenti Vella ma jridux jaċċettaw il-fatt li l-Qrati tagħna esprimew ruħhom definittivament dwar il-kwistjoni li għandhom mal-HSBC u issa tramite r-rikors odjern qed jerġgħu jippruvaw jaslu fejn ma irnexxilhomx jaslu fi proċeduri oħrajn.*

1. ***Preliminarjament,** għandu jiġi kjamat f'din il-kawża l-HSBC Bank Malta plc għaliex huwa evidenti li għandu interess dirett u attwali fil-proċeduri odjerni u dan anke kif mgħallem mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet **Grace Spitieri vs. Avukat Generali** tal-25 t'April 2018.*
2. *Illi l-artikolu 733 tal-Kap. 12 jipprovdi li ġudikant jista' jiġi rikużat jew jista' jastjeni biss fil-każijiet imsemmija fil-liġi (ara **Licari Estates Ltd. vs Kishinchand Mohnani deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta' Frar 2001**) jew għall-massimu fejn ikun hemm raġunijiet gravi kif imfissra fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Meinrad Calleja deċiża mill-Qorti Kriminali fit-2 ta' Ottubru 2000 u Ir-Repubblika ta' Malta vs Dr Patrick Vella LL.D. deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Ottubru 2006.***
3. *Illi fil-fehma tal-esponenti, l-analiżi li trid issir hija li jiġi deċiż jekk dak li minnu qed jilmenta ir-rikorrenti jinkwadrax ruħhu f'xi wieħed mill-paragrafi tas-subartikolu (1) tal-artikolu 734 tal-Kap. 12. Illi wara li wieħed iħares lejn tali artikolu jirriżulta biċ-ċar li l-ebda waħda miċ-ċirkostanzi imsemmija f'dan l-artikolu ma hija applikabbli fil-każ odjern u dan stante li t-talba tar-rikorrenti ma tinkwadra taħt l-ebda waħda mill-eċċezzjonijiet maħsuba fl-Artikolu 734 tal-Kap. 12. L-Artikolu 734 (1) tal-Kap. 12 jibda billi jipprovdi li* "L-Imħallfin ma jistgħux jiġu rikużati u lanqas jistgħu jastjenu ruħhom milli joqgħodu f'kawża miġjuba quddiemhom fil-qorti li fiha huma maħtura biex joqgħodu, ħlief għal xi waħda mir-raġunijiet hawn wara imsemmijin". Illi dawn l-eċċezzjonijiet maħsuba fl-Artikolu 734 tal-Kap. 12 jridu jiġu nterpretati b'mod ristrettiv u mhux jiġu estiżi għal ċirkostanzi li mhumiex imsemmija fl-Artikolu 734 tal-Kap. 12.
4. *Illi għal dak li jirrigwarda l-prinċipji li jsawru l-indipendenza u l-imparzjalità ta' ġudikant, l-esponenti jagħmlu referenza għall-awturi Harris, O'Boyle & Warbrick "*An impartial tribunal – "Impartiality" means lack of prejudice or bias. To satisfy the requirement, the tribunal must comply with both a

subjective and an objective test: The existence of impartiality for the purpose of Article 6(1) must be determined according to a subjective test, that is on the basis of the personal conviction of a particular judge in a given case, and also according to an objective test, that is ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect".

5. *Illi r-r-rikorrenti ma jindikaw mkien li b'xi mod l-Imħallef Ellul kien oġġettivament jew soġġettivament* biased. *Kif ser jirriżulta waqt il-ġbir tal-provi tal-kawża u fit-trattazzjoni, l-Imħallef Ellul ippresjeda żewġ kawżi li għalkemm kienu jinvolvu l-istess partijiet, il-mertu tagħhom kien kompletament separat u distint minn ta' xulxin. Fil-kawża 529/2016 l-mertu kien sabiex jiġi stabbilit jekk il-bejgħ bis-subbasta kienx null jew le, filwaqt li fil-kawża numru 61/2017 il-mertu kien dwar allegat vjolazzjoni ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti fil-kawża 28/10JA. Dwar il-mandat ta' żgumbrament numru 1353/2017 anke hawn irid jingħad li l-mertu kif kompletament distint u separat apparti l-fatt li l-mandat ta' żgumbrament ġie akkordat mill-Imħallef Noel Cuschieri. M'hu veru xejn dak allegat mir-rikorrenti li l-Imħallef Ellul esprima ruħhu dwar l-istess każwali!*

6. *Illi din il-kawża hija waħda fejn ir-rikorrenti kapriċċjożament qed jiftħu kawżi fuq kawżi biex jostakolaw b'kull mezz possibbli li jiġu żgumbrati mill-fondi in kwistjoni ħaġa li għandha tiġi deplorata minn din l-Onorabbli Qorti.*

7. *Għalhekk l-ilment tar-rikorrenti għandu jiġi miċħud u jiġi dikjarat minn din l-Onorabbli li l-lanjanza li qajmu r-rikorrenti hija sempliċiment frivola jew vessatorja ai termini tal-artikolu 4(5) tal-Kap 319 u l-artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

8. *Bl-ispejjez."*

3. Rat ir-risposta tar-**Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali** [minn issa 'l quddiem 'ir-Reġistratur'] ippreżentata fis-17 ta' Marzu, 2021, fejn intqal kif ġej:

*"Jesponi bir-rispett:*

1. *Illi* in linea *preliminari jiġi eċċepit illi ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali m'huwiex il-leġittimu kontradittur u għalhekk għandu jigi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra r-rikorrent;*

2. *Illi f'dan il-każ ir-rikorrenti bl-ebda mod ma hu qed jattribwixxi l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu għal xi nuqqas jew aġir minn naħa tal-esponenti u għalhekk anke minn dan il-lat, it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-esponenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;*

3. *Illi l-esponenti jagħmel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***George Xuereb vs Reġistratur tal-Qrati et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta' Novembru, 2004 fejn intqal :*

   'Hu ben saput li l-Ġudikatura hija oraganu indipendenti mill-Eżekuttiv u ma taqa' taħt l-ebda dipartiment governattiv, u hu f'dan is-sens mela li jekk id-dewmien lamentat mir-rikorrent huwa attribwibbli għall-operat tal-Qorti, allura ir-Reġistratur tal-Qorti, li hu biss inkarigat mill-amministrazzjoni tal-Qorti u mhux ukoll mill-operat tal-Ġudikant, ma jistax hawn hekk ikun leġittimu kontradittur.'

4. *Illi ċertament l-esponenti ma kellu ebda kontroll fuq il-proċeduri partikolari u lanqas ma kienu involut fil-materja u għalhekk żgur li l-ilmenti tar-rikorrent mhux tort tal-esponenti li la kien parti fil-proċeduri u lanqas edott minn nuqqasijiet jew problemi li setgħu inqalgħu matul il-proċeduri u għaldaqstant il-ksur lamentat mir-rikorrenti żgur li mhux tort tal-esponenti.*

5. *Illi f'dan il-kuntest l-esponenti jagħmel ukoll referenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***Mark Lombardo et vs Kunsill Lokali Fgura*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Ottubru, 2005 fejn ġie ritenut:*

   'Kwantu għall-appellat Registratur, Qrati Ċivili u Tribunali ma jidhirx li jista' jkun hemm l-iċken dubbju li dan ma hux il-leġittimu kontradittur f'din il-kawża. Ir-Reġistratur ma jirrappreżentax lill-Qrati li l-operat tagħhom ġie attakkkat bir-rikors promotorju, anzi, bil-kontra, huwa jieħu l-ordnijiet mingħandhom skont il-liġi – u hu ma hux f'posizzjoni li jagħti rimedju effettiv kieku stess din il-Qorti kellha ssib x'tiċċensura fuq il-livell kostituzzjonali fl-operat ta' dawk il-Qrati."

6. *Illi in oltre ssir riferenza għal kawża fl-ismijiet* ***Carmelo sive Charles Delia et vs Reġistratur tal-Qrati et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' April 1990, fejn dwar il-posizzjoni tar-Reġistratur u tad-Direttur tal-Qrati speċifikatament intqal li r-Reġistratur tal-Qrati m'għandux ir-rappreżentanza tal-Qrati u hu mhux persuna leġittima biex joqgħod f'kawża fejn jiġi allegat li d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent ġew vjolati bi proċeduri pendenti quddiem il-Qorti.*

7. *Illi fil-meritu l-eċċipjenti jirrileva li ma kien hemm ebda ksur kif lamentat mir-rikorrenti u kwindi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

8. *Salvi, jekk ikun il-każ, eċċezzjonijiet ossia rispost ulterjuri.*

*Għaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad* in toto *t-talbiet tar-rikorrenti bl-spejjeż kontra l-stess rikorrenti".*

4. Rat ir-risposta ntavolata fit-12 ta' Lulju, 2021, mill-Bank kjamat fil-kawża **HSBC Bank Malta p.l.c.** [minn issa 'l quddiem 'il-Bank kjamat fil-kawża'], fejn issottometta s-segwenti:

*"Jesponi bir-rispett:*

*A. Preliminari*

*Illi fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2021 dina l-Onorabbli Qorti ordnat is-sejħa fil-kawża kostituzzjonali odjerna tal-Bank esponenti.*

*Permezz ta' din il-kawża, ir-rikorrenti qiegħdin jallegaw ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq sanċit mill-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem peress illi wieħed mill-Imħallfin li kien jagħmel parti mill-Qorti Kostituzjonali f'kawża oħra wkoll dwar in-nuqqas ta' smigħ xieraq (il-kawża nru 61/2017) kien diġà ippronunzja ruħu fir-rigward ta' materja rilevanti mal-kawżali tal-istess kawża, - f'rikors fl-atti ta' Mandat ta' Żgumbrament 1353/2017.*

*B. Eċċezzjonijiet*

*i. Illi t-talbiet attriċi huma frivoli u vessatorji u huma mmirati biss sabiex itawwlu l-proċeduri naxxenti minn deċiżjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża numru 20/2010 deċiża finalment fit-18 ta' Lulju 2017. Dan huwa l-enneżimu tentattiv sabiex l-atturi jpprovaw iwaqqfu l-eżekuzzjoni ta' sentenza ġusta u skont il-liġi;*

*ii. Illi l-ilment tal-atturi huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt u dan stante li ma teżisti l-ebda waħda mir-raġunijiet elenkati fl-artikolu 734 tal-Kap 12 li għaliha jista' jiġi rikużat Imħallef;*

*iii. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, ir-rikorrenti jridu jippruvaw in-nuqqas ta' indipendenza u imparzjalità tal-ġudikant in kwistjoni;*

*iv. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, fi kwalunkwe każ, ir-rikorrenti kellhom kull opportunità li jqajmu l-gravam tagħhom dwar dan waqt is-smigħ tal-proċeduri innifishom quddiem il-Qorti Kostituzzjonali (61/2017). Ġjaladarba dan m'għamluhx qabel ma fissru t-talbiet tagħhom fis-smigħ tal-kawża quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, huma tilfu d-dritt li jagħtu l-eċċezzjoni ta' rikuża ta' Imħallef, u dan ai termini tal-artikolu 739 tal-Kap 12;*

*C. Il-fatti*

*1. Tajjeb li qabel xejn jingħata sfond tal-fatti li wasslu għal din il-kawża, minn fejn jirriżulta ċar li din il-kawża hija biss l-enneżimu attentat biex ir-rikorrenti Vella jipposponu l-eżekuzzjoni tat-titolu illi l-Bank għandu fil-konfront tagħhom.*

2. *Infatti, l-ewwel sentenza li ordnat l-iżgumbrament tagħhom mill-fond in kwistjoni ilha li ingħatat mid-29 ta' Ottubru 2012 (Rik Nru. 28/2010) u minn dakinhar ir-rikorrenti baqgħu għaddejjin bi proċedura wara oħra bl-iskop uniku li jwaqqfu l-eżekuzzjoni tal-istess sentenza;*

3. *F'dik il-kawża, il-konvenuti, illum rikorrenti, minħabba traskuraġni tagħhom stess, kienu naqsu li jressqu l-provi kollha tagħhom u meta l-kawża ġiet deċiża kontra tagħhom, ressqu appell fuq il-bażi tan-nuqqas ta' smigħ xieraq, liema appell ukoll ġie deċiż kontra tagħhom permezz ta' sentenza tat-18 ta' Lulju 2017, li kkonfermat is-sentenza tal-ewwel Qorti;*

4. *Mhux kuntenti b'dan, ir-rikorrenti Vella reġgħu ittentaw jattakkaw dawn is-sentenzi permezz ta' kawża kostituzzjonali, dejjem fuq il-bażi li ma ingħatawx smigħ xieraq, liema kawża wkoll ġiet deċiża kontra tagħhom fit-12 ta' Marzu, 2020, bil-Qorti Ċivili - Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) tikkummenta li "*Din il-Qorti...ma għandna l-ebda dubju li dak li qed jittentaw jagħmlu r-rikorrenti odjerni permezz tar-rikors tagħhom huwa li jerġgħu jappellaw terzo appello minn dak deċiż mill-Qorti tal-appell fid-deċiżjoni tagħha tat-18 ta' Lulju 2017 b'tentattiv aħħari li jkomplu jtawwlu ulterjormanet proċeduri li ngħataw bidu lura fis-sena 2010..." (Rik. Nru 61/17). *Min din is-sentenza wkoll sar appell – speċi ta' appell fir-raba' grad – li wkoll ġie deċiż kontra r-rikorrenti fis-27 ta' Jannar 2021, fejn il-Qorti għall-enneżima volta ikkonfermat li* "(f)'dan il-każ, huwa ċar illi l-appellanti [Vella] ngħataw opportunità ampja sabiex iressqu d-difiża tagħhom quddiem il-Qorti iżda huma naqsu milli jagħmlu użu minn kważi kull opportunità mogħtija lilhom għal raġunijiet li huma mputabbli lilhom biss".

5. *Permezz tar-rikors kostituzzjonali odejrn, li issa qiegħed jintuża bħala l-aħħar skuża biex ikomplu jtawwlu l-proċeduri, ir-rikorrenti qiegħdin addirittura jallegaw nuqqas ta' smigħ xieraq* ***<u>fi proċeduri kostituzzjonali preċedenti</u>*** *peress illi wieħed mill-Imħallfin (l-Imħallef Ellul) "*kien diġà pronunzja ruħhu fir-rigward ta' materja rilevanti mal-kawżali tal-istess kawża", u dan b'tentattiv ċar ta' appell fil-ħames grad!

6. *Fil-mori tal-proċeduri għall-iżgumbrament fuq imsemmija, ir-rikorrent ittentaw ukoll jattakkaw il-proċeduri tal-bejgħ b'subbasta tal-proprjetà li dwarha hemm l-ordni ta' żgumbrament, permezz ta' proċeduri separati li ġew deċiżi* ***<u>kontra</u>*** *r-rikorrenti kemm in Prim'Istanza, kif ukoll fl-appell, u saħansitra fi proċeduri ta' ritrattazzjoni (Rik. Nru. 529/2011). Kien proprju fl-ewwel waħda minn dawn il-kawżi, u ċioé dik deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Ottubru 2012, li ppresjeda l-Imħallef Anthony Ellul, li dwaru sar ir-rikors kostituzzjonali ġdid.*

7. *Tajjeb li jingħad ukoll, li meta, fil-mori tal-kawża fuq il-mertu bin-numru 28/2010, tressqet l-ewwel kawża fil-proċeduri tas-subbasta imsemmija fil-paragrafu ta' qabel dan, ir-rikorrenti Vella ippretendew li l-ewwel kawża kellha tiġi sospiża*

*sabiex tistenna l-eżitu tat-tieni kawża, liema talba, ġustament, ma ġietx milqugħa;*

*D. Il-mertu*

1. *L-Imħallef Ellul ma kienx involut fil-kawża fejn intalab l-iżgumbrament (Rik. Nru 28/2010) fl-ebda grad tagħha, u lanqas fil-kawża kostituzzjonali (Rik. Nru 61/17) fl-ewwel grad, iżda kien wieħed mill-Imħallfin li ppresjeda fil-Qorti Kostituzzjonali fis-smigħ tar-rikors Nru 61/17, u ċioé il-Qorti li kellha tiddeċiedi finalment dwar is-smigħ xieraq jew nuqqas tiegħu waqt il-proċeduri ta' żgumbrament (Rik. Nru. 28/2010). Fi kwalunkwe każ, il-Qorti Kostituzzjonali kif komposta, bl-ebda mod ma daħlet fil-mertu tal-kawża li kienet qiegħda tiġi attakkata, iżda ppronunċjat ruħha biss fuq il-proċedura addottata mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili biex qieset jekk kienx minnu li kien hemm xi nuqqas fil-proċeduri li setgħu iwasslu għal ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq. Għalhekk il-proċeduri ittentati mir-rikorrenti Vella biex iwaqqfu l-bejgħ b'subbasta li kienet instemgħet mill-Imħallef Ellul fl-ewwel grad, ma għandhom xejn x'jaqsmu mal-proċeduri li għalihom kienet tirreferi l-kawża kostituzzjonali li wkoll instemgħet mill-Imħallef Ellul. Għaldaqstant, l-istess Imħallef qatt ma ddeċieda definittivament il-mertu fil-kwistjoni bejn il-partijiet u konsegwentement ma teżisti l-ebda waħda mir-raġunijiet elenkati fl-artikolu 734 tal-Kap. 12 li għaliha jista' jiġi rikużat Imħallef.*
2. *Infatti, l-Imħallef Ellul stess ma ħassx li dwaru kien hemm waħda mir-raġunijiet ta' rikuża elenkati fil-liġi għaliex f'dak il-każ kien obbligat li qabel is-smigħ tal-kawża, hu stess jagħmel dikjarazzjoni fuq daqshekk, jew bil-fomm fil-qorti bil-mituħ, jew bil-miktub u dan ai termini tal-artikolu 735(1) tal-Kap 12.*
3. *Jiġi rilevat ukoll li anke li kieku waqt il-kawża kostituzzjonali b'xi mod ġie diskuss il-mertu tal-kawża preċedenti, dan il-fatt waħdu xorta mhux raġuni biżżejjed biex issir ir-rikuża, għaliex irid jiġi ppruvat ukoll li l-Imħallef Ellul mexa b'nuqqas ta' indipendenza u imparzjalità, ħaġa li ċertament ma ġietx pruvata.*
4. *Issir referenza għall-kawża deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Novembru 2004 fl-ismijiet ir-Repubblika ta' Malta v. Ibrahim Ramandan Ghamber Shnishah fejn il-Qorti qalet, dwar ir-rikuża:*

> "il-liġi ma tridx li, sempliċiment għax parti jew oħra fil-kawża "tħoss" jew "jidhrilha" li l-ġudikant jista' jkun "parzjali", allura dak il-ġudikant għandu ma jiħux konjizzjoni ta' dik il-kawża. Apparti l-obbligu li l-liġi timponi fuq il-ġudikant li joqgħod f'kull kawża li tiġi lilu assenjata skont il-liġi u li jastjeni jew jilqa' eċċezzjoni ta' rikuża fil-każijiet biss fejn ikun legalment ġustifikat li huwa ma jkomplix jieħu konjizzjoni ta' dik il-kawża, mhux kull "ħsieb" ta' parzjalità li jista' talvolta jgħaddi minn moħħ parti jew oħra, jista' jingħad li huwa "oġġettivament ġustifikat". It-test oġġettiv tal-imparzjalità, anke kif

mifhum mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jirrikjedi li jkun hemm bażi oġġettivament riskontrabbli. Fi kliem l-awturi Harris, O'Boyle u Warbrick "The objectivist test of 'impartiality' is comparable to the English Law doctrine that 'justice must not only be done: it must also be seen to be done'. In this context the [European] Court [of Human Rights] emphasises the importance of 'appearances'. As the Court has stated. '[w]hat is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public and, above all, as far as criminal proceedings are concerned, in the accused'. In applying the test, the opinion of the party to the case who is alleging partiality is 'important but not decisive'; what is crucial is whether the doubt as to impartiality can be 'objectively justified'. If there is a legitimate doubt as to a judge's impartiality, he must withdraw from the case."

*Issir referenza wkoll għall-kawża fl-ismijiet* Licari Estates Limited vs Kischinchand Mohnani *deċiża fid-19 ta' Frar 2001 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ċitazz Nru 95/01GV) li l-fatti tagħha, għalkemm mhux eżattament simili, kienu kemmxejn analogi għall-każ in eżami: il-Qorti kif preseduta kienet iddecidiet kawża oħra fejn wkoll kienu nvoluti l-istess kontendenti, li fiha l-istess Qorti kif presjeduta kienet iddikjarat nulla lokazzjoni li kienet saret mingħajr il-kunsens tal-kopropretarji l-oħra. Sussegwentement kien hemm kawża oħra deċiża minn Imħallef differenti li ordnat il-bejgħ in liċitazzjoni tal-fond in kwistjoni. Iż-żewġ sentenzi għaddew in ġudikat, Seħħ il-bejgħ b'liċitazzjoni u l-imsemmi fond ġie liberat favur is-soċjetà' attriċi u fil-kawża in kwistjoni l-atturi kienu qed jitolbu r-ripresa tal-fond imsemmi in segwitu ta' dana l-bejgħ b'liċitazzjoni. F'dan il-każ, il-Qorti kompliet:*

'Ġie dejjem ritenut illi l-każijiet li fihom Imħallef jista' jastjeni jew jiġi rikużat huma dawk biss tassattivament imsemmija fl-imsemmi artikolu. Ġie wkoll dejjem ritenut Ċitaz. Nru: 1077/93GV 2 illi l-kliem "il-kawża" fid-disposizzjoni dawn fuq ċitata, jirriferixxu għall-istess kawża li fiha tkun ingħatat id-deċiżjoni preċedenti (App Gauci vs Gatt et 6/11/67)...

Fil-każ in eżami din il-Qorti qatt ma ppronunzjat ruħha la direttament u lanqas indirettament dwar il-fatti li taw lok għal din il-kawża. M'hemm ebda kwistjoni identika bejn il-kawża li kienet qatgħet din il-Qorti u l-kawża li ppropponew l-atturi llum in segwitu ta' kawża oħra m'hiex deċiża minn din il-Qorti."

*U għaddiet biex ċaħdet it-talba għar-rikuża tal-Imħallef sedenti.*

5. *Fi kwalunkwe każ, ir-rikorrenti kellhom kull oportunità li jqajmu l-gravam tagħhom dwar dan waqt is-smigħ tal-proċeduri quddiem il-Qorti Kostituzzjonali kif komposta mill-Imħallef Ellul u żewġ Imħallfin oħra. Infatti, sakemm dik il-kawża tħalliet għas-sentenza finali, kien hemm tlett seduti oħra li fihom ir-*

*rikorrent seta' qajjem dan l-ilment iżda għażel li ma jagħmel xejn. Dippiù, grazzi għall-fakultà' illum mogħtija mhux biss lill-avukati iżda anki lill-pubbliku in ġenerali permezz tal-sistema elettronika tal-'ecourts', l-ismijiet tat-tlett imħallfin li kienu ser jisimgħu l-appell kostituzzjonali kienu disponibbli għal kulħadd malli ġie ppreżentat ir-rikors tal-appell xhur qabel;*

6. *Ġaladarba ma qajmux dan l-ilment quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, huma tilfu d-dritt li jagħtu l-eċċezzjoni ta' rikuża ta' Imħallef, u dan ai termini tal-artikolu 739 tal-Kap 12:*

   "Ma tistax tingħata l-eċċezzjoni ta' rikuża ta' mħallef meta r-rikużant, jekk ikun l-attur, ikun ġa fisser it-talba tiegħu fis-smigħ tal-kawża, jew jekk ikun il-konvenut, ikun ġa ta l-eċċezzjonijiet tiegħu, kemm-il darba r-raġuni tar-rikuża ma tkunx inqalgħet wara, jew ir-rikużant, jew l-avukat tiegħu, ma jiddikjarax bil-ġurament li ma kienx jaf b'dik ir-raġuni jew li ma ndunax b'dik ir-raġuni fiż-żmien li jmiss."

7. *Ta' min jiċċara li għalkemm id-difensur tar-rikorrenti illum inbidel, ir-rikorrenti Vella kienu assistiti mill-istess avukat difensur mill-bidu tal-proċeduri kollha hawn fuq imsemmija sakemm ingħatat is-sentenza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Jannar 2021, liema sentenza issa qiegħda tiġi attakkata, u għaldaqstant ma jistax jingħad li waqt il-kawża kostituzzjonali l-avukat tar-rikorrenti Vella ma kienx jaf b'dik ir-raġuni għar-rikuża li issa qed jittanta jqajjem. Del resto, fl-aħħar mill-aħħar, mhux min kien l-avukat f'xi stadju tal-proċeduri li jgħodd iżda l-parti – li kieku ma kienx hekk, il-proċeduri jibdew mill-ġdid ma' kull bidla fl-avukat!;*

8. *Illi għalhekk iqum is-suspett li l-atturi, jekk verament kellhom dubju dwar l-imparzjalità tal-Imħallef in kwistjoni, naqsu li jressqu t-talba ta' rikuza f'waqtha biex ikunu jistgħhu jippreżentaw din il-kawża kostituzzjonali ġdida u jaħlu aktar żmien;*

9. *Huwa għalhekk ċar li dan ir-rikors kostituzzjonali huwa għal kollox frivolu u vessatorju, immirat biss sabiex ir-rikorrenti jippruvaw iwaqqfu l-eżekuzzjoni ta' sentenza li ilha ormai snin* res judicata. *Konferma ta' dan huwa l-fatt li kontestwalment mar-rikors kostituzzjonali ġie ppreżentat rikors ieħor biex fil-frattemp tiġi sospiża l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' żgumbrament relattiv, liema rikors tressaq anki fl-atti tal-mandat ta' żgumbrament ukoll. Dan kollu jissarraf f'sitwazzjoni fejn il-Bank għandu titolu eżekuttiv f'ismu illi ilu snin, iżda ma jistax jenforzah kif għandu dritt jagħmel skont il-liġi."*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti, u l-atti tal-proċeduri tar-Rikors nru. 61/2017 fl-ismijiet **Antonio Mario Vella et *vs.* Reġistratur tal-Qrati Ċivili et**, tar-Rikors nru. 529/2011 fl-ismijiet **Anthony Mario Vella et *vs.* HSBC Bank plc et**, tal-Mandat ta' Żgumbrament nru. 1353/2017, u tar-Rikors Ġuramentat nru. 28/2010 fl-ismijiet **HSBC Bank Malta plc *vs.* Antonio Mario Vella et,** li ġew allegati mal-atti odjerni.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-6 ta' April, 2022, fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mir-rikorrenti, mill-Bank kjamat fil-kawża u mill-intimat Avukat tal-Istat.

## <u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>

6. Ir-rikorrenti jispjegaw li fis-27 ta' Jannar, 2021, il-Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet ir-Rikors nru. 61/2017/1 JVC fl-ismijiet **Anthony Mario Vella et *vs.* Reġistratur tal-Qorti Ċivili u Tribunali et**[1], fejn ċaħdet it-talbiet tagħhom. Jirrilevaw li dik il-Qorti kienet komposta fost l-Imħallfin l-oħra, mill-Imħallef Anthony Ellul, li kien diġà ppronunzja ruħhu fuq materja relatata mal-kawżali fir-rigward tal-imsemmi rikors, għaliex is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali kienet tirrigwarda r-Rikors nru. 529/2011 fl-ismijiet **Anthony Mario Vella et *vs.* HSBC Bank plc et**[2], u r-rikors intavolat fl-atti tal-Mandat taż-Żgumbrament nru. 1353/2017.[3] Jgħidu li madankollu ma tirriżultax li saret rikuża tal-istess Imħallef Anthony Ellul, u għalhekk jikkontendu li ġie leż fil-konfront tagħhom id-dritt

[1] Kopja Dok. AMV01 *a fol.* 4.
[2] Kopja Dok. AMV02 *a fol.* 12.
[3] Kopja Dok. AMV03 *a fol.* 20.

għal smigħ xieraq kif sanċit mis-subartikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [minn issa 'l quddiem 'il-Konvenzjoni Ewropea']. Għaldaqstant ir-rikorrenti qegħdin jitolbu lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li l-Qorti Kostituzzjonali kif komposta ma tinkwadrax fl-ambitu ta' tribunali indipendenti u imparzjali *ai termini* tas-subartikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, u għalhekk ġie leż fil-konfront tagħhom id-dritt għal smigħ xieraq quddiem tribunal indipendenti u imparzjali kif sanċit mill-imsemmija Kostituzzjoni u Konvenzjoni. Jitolbu sabiex din il-Qorti tordna li għandhom jittieħdu l-azzjonijiet idoneji kollha li hemm bżonn sabiex l-isemmija kawża tinstema' quddiem il-Qorti Kostituzzjonali diversament komposta.

7. Il-Bank kjamat fil-kawża jeċċepixxi kif ġej: (i) it-talbiet tar-rikorrenti huma frivoli u vessatorji, u ntiżi biss sabiex itawwlu l-proċeduri naxxenti minn deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell fil-kawża nru. 20/2010 deċiża finalment fit-18 ta' Lulju, 2017; (ii) l-ilment tar-rikorrenti huwa infondat fil-fatt u fid-dritt, stante li ma teżistix xi waħda mir-raġunijiet imfissra fl-artikolu 734 tal-Kap 12; (iii) ir-rikorrenti għandhom jippruvaw in-nuqqas ta' indipendenza u imparzjalità tal-ġudikant in kwistjoni; (iv) ir-rikorrenti kellhom kull opportunità li jressqu l-ilment tagħhom waqt is-smigħ tal-proċeduri in kwistjoni quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, u ġialadarba dan ma sarx qabel ma huma fissru t-talbiet tagħhom quddiem dik il-Qorti, huma tilfu d-dritt li jagħtu l-eċċezzjoni ta' rikuża tal-Imħallef skont l-artikolu 739 tal-Kap. 12.

8. L-intimat Avukat tal-Istat qed iressaq is-segwenti eċċezzjonijiet: (i) preliminarjament għandu jiġi kjamat fil-kawża l-HSBC Bank Malta plc, stante l-interess dirett u attwali tiegħu fil-proċeduri odjerni; (ii) l-artikolu 733 tal-Kap.

12 jipprovdi li ġudikant jista' jiġi rikużat jew jista' jastjeni biss f'dawk il-każijiet imsemmija fil-liġi; (iii) it-talba tar-rikorrenti ma tinkwadrax fl-ebda waħda mill-eċċezzjonijiet imfissra fl-artikolu 734 tal-Kap. 12; (iv) dwar il-prinċipji tal-indipendenza u l-imparzjalità, huma jagħmlu riferiment għall-awturi **Harris, O'Boyle & Warbrick**; (v) ir-rikorrenti mkien ma jgħidu li l-Imħallef Ellul kien oġġettivament jew soġġettivament preġudikat, u ma kien veru xejn li huwa esprima ruħhu dwar l-istess kawżali; (vi) ir-rikorrenti qegħdin jiftħu bosta kawżi sabiex ifixxklu l-iżgumbrament tagħhom mill-fondi; u (vii) l-ilment tar-rikorrenti għandu jiġi dikjarat frivolu jew vessatorju *ai termini* tas-subartikolu 45(5) tal-Kap. 319 u tas-subartikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni; bl-ispejjeż.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

9. Flimkien mar-rikors promutur tagħhom, ir-rikorrenti esebew kopja tas-sentenza tas-27 ta' Jannar, 2021, tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Anthony Mario Vella et *vs.* Reġistratur tal-Qorti Ċivili u Tribunali et**, Rikors nru. 61/2017JVC[4], kopja tas-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla, tas-16 ta' Jannar, 2012, fl-ismijiet **Anthony Mario Vella et *vs.* HSBC Bank Malta plc et**[5], u kopja ta' rikors tal-HSBC Bank Malta plc flimkien ma' digriet tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla, preseduta mill-Imħallef Anthony Ellul.[6]

10. Permezz ta' nota ppreżentata fit-3 ta' Marzu, 2021, ir-rikorrenti ppreżentaw l-affidavit tar-rikorrent Antonio Mario Vella[7], flimkien ma' kopja tad-digriet tat-12 ta' Jannar, 2018[8], kopja ta' sentenza tas-16 ta' Jannar, 2012,

---

[4] *Supra.*
[5] *Supra.*
[6] *Supra.*
[7] Dokument AMV *a fol.* 40.
[8] Dok MV001 *a fol.* 43.

tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla, ippreseduta mill-Imħallef Anthony Ellul fl-ismijiet **Anthony Mario Vella et *vs.* HSBC Bank Malta plc et** Rikors nru. 529/2011, kopja ta' tliet verbali ta' tliet seduti konsekuttivi miżmuma fil-proċeduri appena msemmija.[9] Fl-affidavit tiegħu, ir-rikorrent b'riferiment għas-sentenza tas-27 ta' Jannar, 2021, mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali, stqarr li l-Imħallef Ellul kien diġà ippronunzja ruħhu fuq materji relatati mal-kwistjoni prinċipali, jiġifieri l-Mandat ta' Żgumbrament nru. 1353/17, fir-rigward tal-fatt li huwa ma ngħatax l-opportunità li jressaq il-provi tiegħu. Għalhekk, huwa kien intavola r-Rikors Kostituzzjonali nru. 61/2017JVC fejn talab lill-Qorti Kostituzzjonali sabiex tibgħat l-atti lura bil-għan li jingħata l-opportunità li jressaq il-provi tiegħu, u dan ir-rikors ġie deċiż fis-27 ta' Jannar, 2021, mill-imsemmija Qorti Kostituzzjonali komposta fost imħallfin oħra mill-Imħallef Ellul. Ikkontenda li dan tal-aħħar kien diġà ppronunzja ruħhu fuq din il-kwistjoni, u għalhekk huwa ma ngħatax smigħ xieraq skont il-liġi. Spjega li l-Imħallef Ellul ippronunzja ruħhu fuq is-segwenti, kif relatati mat-talbiet magħmulin fir-Rikors nru. 61/2017JVC, deċiż fis-27 ta' Jannar, 2021: (i) fir-Rikors fl-atti tal-Mandat ta' Żgumbrament 1353/2017, l-Imħallef Ellul kien ta digriet fejn ċaħad it-talbiet għas-sospensjoni; (ii) fir-Rikors nru. 529/11AE, l-istess Imħallef Ellull kien ta sentenza fir-rigward ta' talba għar-ritrattazzjoni tal-kawża, fejn ippronunzja ruħhu b'mod eżawrenti fir-rigward ta' diversi punti li huwa kien issolleva fil-kawża oriġinali. Spjega li dak ir-rikors kien jittratta l-fatt li huwa qatt ma ngħata l-opportunità li jressaq il-provi tiegħu, u għamel riferiment għal Dok. MV003, Dok. MV004 u Dok. MV005. Is-sentenza tas-27 ta' Jannar, 2021, kienet dwar dawn il-punti li ġew deċiżi mill-Imħallef Ellul. Stante li l-istess Imħallef Ellul kien jagħmel parti mill-

[9] Dok. MV003 sa Dok. MV004 *a fol.* 49-51.

kompożizzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, ir-rikorrent Antonio Mario Vella sostna li huwa ma kienx ingħata smigħ xieraq.

11. Waqt l-udjenza tat-12 ta' Novembru, 2021, ir-rikorrenti ppreżentaw affidavit tar-rikorrent Antonio Mario Vella.[10] Permezz ta' dan l-affidavit, ir-rikorrent reġa' xehed dwar il-fatti kif dikjarati fl-ewwel affidavit tiegħu, b'dana li żied jgħid li huwa ma kellu l-ebda mod kif isir jaf li l-Imħallef Ellul kien ser ikun wieħed mill-ġudikanti li ddeċidew ir-rikors fis-27 ta' Jannar, 2021. Iddikjara li kull meta deher quddiem il-Qorti tal-Appell, kien ikun hemm preżenti biss il-Prim Imħallef Mark Chetcuti, u sar jaf li kien qed jippresjedi wkoll l-Imħallef Ellul wara li ġie nfurmat mill-Avukat tiegħu tal-Għajnuna Legali madwar tmienja u erbgħin siegħa qabel ma ngħatat is-sentenza. L-Avukat tiegħu kien qallu li ma kienx hemm x'tagħmel, u kellhom jistennew is-sentenza. B'hekk l-Imħallef Ellul la ġie rikużat u lanqas irrikuża ruħhu, u dan l-istat ta' fatt seta' ippreġudika d-drittijiet tiegħu għal smigħ xieraq u imparzjali.

12. Waqt l-udjenza tas-26 ta' Jannar, 2022, xehed ir-rikorrent in kontro-eżami mill-Bank kjamat fil-kawża. Qal li l-Imħallef ma kienx ħallih jixhed fir-Rikors nru. 28/2010 li ntavola l-Bank kjamat fil-kawża fil-konfront tiegħu għall-iżgumbrament. Ikkonferma li dakinhar li ngħatat is-sentenza, huwa kien hemm, iżda l-Avukat tiegħu kien qallu li ma seta' isir xejn.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

13. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tindirizza l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimati. Tibda bl-ewwel eċċezzjoni tal-intimat Reġistratur, fejn qiegħed

[10] Dok AMV001 *a fol.* 112.

jikkontendi li huwa m'huwiex il-leġittimu kuntradittur, u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Jirrileva li r-rikorrenti m'humiex qed jattribwixxu l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom għal xi nuqqas jew għal xi aġir min-naħa tiegħu. Filwaqt li jagħmel riferiment għal dak li ġie senjalat mill-Qorti Kostituzzjonali fid-diversi sentenzi tagħha, jgħid li fi kwalunkwe każ huwa ma kellu l-ebda kontroll fuq il-proċeduri partikolari u lanqas ma kien involut fihom. Barra minn hekk huwa m'għandux ir-rappreżentanza tal-Qrati, u lanqas m'huwa l-persuna leġittima sabiex joqgħod f'kawża fejn qed jiġi allegat ksur tad-drittijiet fundamentali waqt proċeduri pendenti quddiem il-Qorti. Din il-Qorti tgħid li l-intimat Reġistratur għandu raġun. Kif ritenut diversi drabi, ir-Reġistratur tal-Qorti kif saħansitra jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa responsabbli għall-amministrazzjoni tal-Qorti, iżda mhux għall-operat tal-Ġudikatura. Għalhekk huwa ma jistax jinżamm responsabbli għall-ebda nuqqas min-naħa ta' din tal-aħħar, fejn għandu jirrispondi l-intimat Avukat tal-Istat *ai termini* tas-subartikolu 181B(2) tal-Kap. 12. Għaldaqstant il-Qorti tilqa' l-eċċezzjoni tiegħu, u tiddikjara li l-intimat Reġistratur m'huwiex il-leġittimu kuntradittur fil-proċeduri odjerni.

14. Il-Qorti issa ser tikkunsidra punt li qajjem il-Bank kjamat fil-kawża permezz tar-raba' eċċezzjoni tiegħu, u li fil-fehma tagħha bħala punt ta' proċedura għandu jiġi investigat u deċiż qabel ma tgħaddi biex teżamina l-mertu tal-kwistjoni li qegħda tiġi mqanqla mir-rikorrenti. Il-Bank kjamat fil-kawża jikkontendi li r-rikorrenti kellhom kull opportunità li jqajmu l-lanjanza tagħhom waqt is-smigħ tal-proċeduri quddiem il-Qorti Kostituzjonali kif komposta mill-Imħallef Ellul u ż-żewġ Imħallfin l-oħra. Jirrileva li sakemm il-kawża tħalliet għas-sentenza, kien hemm tliet seduti fejn ir-rikorrenti kellhom

l-opportunità li jressqu l-ilment li qegħdin jagħmlu hawn, iżda minflok huma m'għamlu xejn. Jgħidu li llum bis-sistema elettronika tal-*'ecourts',* l-ismijiet tat-tliet imħallfin li kienu ser jippresjedu l-appell kostituzzjonali, kienu disponibbli għal kulħadd meta ġie ppreżentat ir-rikors tal-appell xhur qabel. Għalhekk fil-fehma tiegħu, *ai termini* tal-artikolu 739 tal-Kap. 12 ir-rikorrenti kienu ddekadew mid-dritt tagħhom li jagħtu l-eċċezzjoni ta' rikuża ta' Imħallef. Il-bank kjamat fi-kawża kompli jirrileva li għalkemm l-avukat difensur tar-rikorrenti llum mhuwiex l-istess, huma kienu ġew ippatroċinati mill-istess avukat difensur matul il-proċeduri kollha msemmija, sakemm ingħatat is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Jannar, 2021, u għalhekk ma setax jingħad li dak l-avukat difensur ma kienx jaf bir-raġuni għar-rikuża li qegħda titressaq. Jgħid li madankollu huwa proprju l-parti li jgħodd u mhux min kien l-avukat tiegħu. Il-Bank kjamat fil-kawża jissuġġerixxi li r-rikorrenti m'għamlux it-talba ta' rikuża f'waqtha sabiex imbagħad issir il-kawża odjerna, u b'hekk jaħlu aktar żmien. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, il-Bank kjamat fil-kawża jtenni għal darb'oħra li l-proċedura addottata mir-rikorrenti fir-rigward tar-rikuża tal-Imħallef ma kinitx waħda tajba, għaliex b'riferiment għall-artikolu 739 tal-Kap. 12, din l-eċċezzjoni għandha tingħata mill-partijiet fil-qorti bil-miftuħ qabel ma r-rikorrent ikun fisser it-talba tiegħu, u dan kemm-il darba r-raġuni tar-rikuża ma tkunx inqalgħet wara. Jgħid li r-rikorrenti qegħdin jallegaw li huma ma kienux jafu u ma setgħux ikunu jafu, iżda jinsisti li huma kellhom kull opportunità li jressqu l-lanjanza tagħhom matul is-smigħ tal-proċeduri quddiem il-Qorti Kostituzzjonali kif komposta mill-Imħallef Ellul u miż-żewġ Imħallfin l-oħra, kif obbligati li jagħmlu skont il-liġi, u hawn jgħid li kien hemm saħansitra tliet seduti fejn dan seta' sar. il-Bank kjamat fil-kawża jikkontradixxi dak li qal ir-rikorrent fl-affidavit tiegħu, li kull darba li deher quddiem il-Qorti Kostituzzjonali kien ikun hemm biss l-Prim'Imħallef, għaliex kien tassew magħruf li din dejjem

tkun komposta minn tliet Imħallfin, u huwa biss fil-qari tas-sentenzi li din ġieli tkun komposta minn Imħallef wieħed. Huwa jagħmel riferiment għall-verbali tas-seduti minn fejn jgħid li huwa ċar li l-Imħallef Ellul kien wieħed mill-Imħallfin li kien ser jisma' il-kawża kostituzzjonali, stante li ismu jirriżulta ndikat hemmhekk. Jgħid li jekk ir-rikorrenti ma sarux jafu mill-atti proprju tal-kawża jew mis-sistema komputerizzata dwar id-differiment, l-isem tat-tliet Imħallfin fi kwalunkwe każ jirriżulta immedjatament mhux biss mill-verbali, iżda minn kwalunkwe att jew paġna diġitali. Ikompli jgħid li għalkemm l-avukat difensur tar-rikorrenti ma kienx preżenti għall-ewwel seduta li ma kinitx waħda riżervata għall-qari tas-sentenzi, fuq l-istedina tal-Qorti Kostituzzjonali huwa bagħat *email* fejn informaha li huwa ma kellux x'iżid permezz ta' trattazzjoni orali ma' dak li kien jirriżulta mill-atti, u għalhekk huwa kien ra l-verbal fejn kien hemm indikat l-isem tal-Imħallfin. Il-Bank kjamat fil-kawża jgħid li mbagħad ir-rikorrent għażel li ma jidhirx għas-seduta ta' wara fejn il-kawża ġiet differita għas-sentenza. Dakinhar fejn skont ir-rikorrent stess, huwa kien jaf li l-Qorti Kostituzzjonali kienet komposta wkoll mill-Imħallef Ellul, kien hemm preżenti kemm hu u anki l-avukat difensur tiegħu, iżda ma dehrilhomx li kellhom iqajmu l-kwistjoni tar-rikuża. Il-Bank kjamat fil-kawża jargumenta li meta r-rikorrent qal li l-avukat kien tah il-pariri li f'dak l-istadju ma seta' isir xejn, dan kien għaliex huwa kien jaf li ma kienx hemm raġuni valida għar-rikuża, u mhux għaliex kien tard wisq. Jikkontendi li hija skuża l-allegazzjoni li huma ma tħallewx jaraw il-proċess, għaliex kollox kien a dispożizzjoni tagħhom diġitalment. B'hekk huwa evidenti li mhux minnu li r-rikorrenti qatt ma saru jafu li kien hemm l-Imħallef Ellul fil-kompożizzjoni tal-Qorti kif allegat fl-affidavit tar-rikorrent.

15. Il-Qorti tgħid li dawn l-argumenti huma kollha validi u għandhom mis-sewwa. Tissenjala li l-artikolu 737 tal-Kap. 12 għandu jinqara flimkien mal-

artikolu 739 tal-istess liġi. Filwaqt li l-artikolu 737 jipprovdi li l-eċċezzjoni tar-rikuża għandha titqajjem fil-qorti fil-miftuħ, l-artikolu 739 jiddisponi li din ma tistax tingħata mir-rikorrent wara li jkun fisser it-talba tiegħu fis-smigħ tal-kawża, iżda dan sakemm ir-raġuni ma tkunx inqalgħet wara. Din il-Qorti tqis illi jirriżulta mix-xhieda tar-rikorrent stess li huwa u l-avukat tiegħu kienu jafu bil-fatt li l-Imħallef Ellul kien wieħed mill-Imħallfin li kien qed jippresjedu l-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża tagħhom, qabel ma ngħatat is-sentenza finali. Fl-affidavit tiegħu, ir-rikorrent ifisser b'mod ċar f'liema stadju tal-proċeduri huwa kien sar jaf li l-Qorti Kostituzzjonali kienet ser tkun komposta wkoll mill-Imħallef Ellul:

> *"Jien sirt naf li kien hemm l-Onorevoli Mhallef Ellul wara li gejt nfurmat mill-Avukat tiegħi tal-Għajnuna Legali madwar tmienja u erbgħin siegħa qabel ma fil-fatt ngħatat s-sentenza."*

16. Iżda kif xehed in kontro-eżami waqt l-udjenza tas-26 ta' Jannar, 2022, jirriżulta li meta deher flimkien mal-avukat difensur tiegħu, l-ebda wieħed minnhom ma rrileva l-kwistjoni, għalkemm kellhom kull opportunità li jagħmlu dan. Għalkemm ir-rikorrent fl-imsemmija xhieda tiegħu jittanta jitfa' dubju, u donnu jissuġġerixxi li dakinhar huwa kien affaċċat minn impediment straordinarju, il-Qorti tirrileva li mhux daqstant ċar mill-istess xhieda x'ġara dakinhar li seta' żammu milli jqajjem l-eċċezzjoni tar-rikuża. Għalhekk tgħid li tonqos il-kredibbilità tiegħu, anki meħud in konsiderazzjoni l-fatt li fiż-żewġ affidavits tiegħu, huwa naqas milli jixhed fuq dak li ġara fil-jum li ngħatat is-sentenza.

17. Hekk kif ir-rikorrenti naqsu milli jsegwu l-proċedura skont l-artikoli 737 u 739 tal-Kap. 12, billi jressqu l-eċċezzjoni ta' rikuża fil-ħin opportun, il-Qorti tgħid li huma ma jistgħux illum jilmentaw quddiemha minn ksur tad-dritt tagħhom

għal smigħ xieraq minn tribunal indipendenti u imparzjali *ai termini* tas-subartikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Ġialadarba kkonstatat dan in-nuqqas proċedurali min-naħa tar-rikorrenti, il-Qorti m'għandhiex tinvestiga l-mertu tal-ilment tar-rikorrenti, u għalhekk ukoll ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjonijiet l-oħra sollevati mill-Bank kjamat fil-kawża, u anki dawk ippreżentati mill-intimat Avukat tal-Istat.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:**

1. **Tiddikjara li r-Reġistratur intimat mhuwiex leġittimu kuntradittur u għalhekk tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju;**

2. **Tilqa' ir-raba' eċċezzjoni tal-Bank kjamat fil-kawża, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-kumplament tal-eċċezzjonijiet tiegħu, u anki dawk tal-intimat Avukat tal-Istat; u**

3. **Tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti, bl-ispejjeż kontrihom.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**